

Brussell, 10 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12390/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0085 (COD)**

**CODEC 1190
COH 167
SOC 590
SAN 532
CADREFIN 160
PE 53**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mit-8 sal-11 ta' Settembru 2025)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

Fis-7 ta' Mejju 2025, il-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) biex jipproċedi skont l-Artikolu 170 (proċedura urġenti).

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL), Li ANDERSSON (Ix-Xellug, FI), ippreżentat, fisem l-EMPL, emenda ta' kompromess (l-emendi numri 32 u 33) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li fir-rigward tagħha Marit MAIJ (S&D, NL) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula waqt il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-grupp tax-Xellug ressaq emenda waħda (l-emenda numru 31) u l-grupp Renew Europe ressaq tliet emendi (l-emendi numri 34 sa 36).

II. VOT

Meta vvutat fl-10 ta' Settembru 2025, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emendi numri 32 u 33) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tidher fl-Anness hawnhekk^{2*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li ġie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

^{*} L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2025)0176

Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+): miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi (COM(2025)0164 – C10-0064/2025 – 2025/0085(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0164),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 164, 175, 177 u 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0064/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' April 2025¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tal-15 ta' Mejju 2025²,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Lulju 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġionali,

¹ ĠU C, C/2025/3197, 2.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3197/oj>.

² ĠU C, C/2025/3474, 16.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3474/oj>.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0122/2025),
- 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
- 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
- 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sostanzjali;
- 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-10 ta' Settembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew *Plus* (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 164, 175, 177 u 322 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C, C/2025/3197, 2.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3197/oj>.

² ĠU C, C/2025/3474, 16.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3474/oj>.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2025.

Billi:

- (1) Minħabba l-avvenimenti ġeopolitiċi u ekonomiċi maġġuri reċenti li fasslu mill-ġdid xi wħud mill-prijoritajiet politiċi strateġiċi tal-Unjoni, jeħtieġ jiġu previsti possibbiltajiet **aktar strutturali** li jippermettu lill-Istati Membri jindirizzaw dawk l-isfidi ġeopolitiċi strateġiċi urġenti u jiffokaw mill-ġdid ir-riżorsi tagħhom fuq prijoritajiet emerġenti ġodda.
- (2) ***L-objettivi ewlenin tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, huma li jappoġġjaw lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jiksbu l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali, li jiġi attivat is-suq tax-xogħol, u li jiġu mwettqa l-prinċipji u l-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jenħtieġ li r-riprogrammazzjoni tar-riżorsi fl-ambitu tal-FSE+ ma ddgħajjifx l-approċċ soċjali tiegħu, iżda jenħtieġ li jsaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jiġġieled l-inugwaljanza.***
- (3) ***Fl-opinjoni tas-6 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta leġiżlattiva li tiffirma l-bażi għal dan ir-Regolament, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri saħqet li l-politika ta' koeżjoni sikwit tintuża bħala għodda ta' rispons f'każ ta' emerġenza, u dan jissogra li jdgħajjef l-għanijiet u l-objettivi primarji fit-tul tagħha. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jiġi żgurat li kwalunkwe miżura meħuda fil-kuntest ta' emerġenzi ma tostakolax l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni.***

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj>).

- (4) *L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkomplu juru li huma kapaċi li jirreaġixxu malajr għall-avvenimenti ġeopolitiċi u li huma lesti li jużaw riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex isaħħu l-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Fl-istess ħin, huwa tal-akbar importanza li nkomplu ninvestu fl-oġġettivi soċjali tal-Unjoni permezz tal-FSE+ peress li l-koeżjoni soċjali hija pedament tar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà tal-Unjoni, li hija essenzjali għall-għan li jiġi ffaċċjat it-theddid ta' aggressjoni.*
- (5) Il-White Paper Konġunta tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 twitti t-triq għal unjoni Ewropea tad-difiża ta' veru, anke billi tissuġġerixxi lill-Istati Membri jinvestu ħafna fid-difiża u *fiċ-ċibersigurtà, inklużi kapaċitajiet b'użu doppju u t-tħejjija ċivili, u dan jenħtieġ li jitwettaq flimkien mal-infiq soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-opportunitajiet ta' tiġdid tal-ħiliet u titjib tal-ħiliet.* F'dak ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 intitolata "L-Unjoni tal-Ħiliet" (il-"Komunikazzjoni Unjoni tal-Ħiliet") tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet u l-iskarsezzi fil-ħiliet fl-Unjoni, inkluż permezz tal-Inizjattiva Patt għall-Ħiliet imsaħħa u razzjonalizzata, imsemmija f'dik il-komunikazzjoni, kif ukoll is-sħubijiet fuq skala kbira tagħha, b'mod partikolari s-Sħubija fuq Skala Kbira għall-Ajruspazju u d-Difiża. F'dak il-kuntest, jixraq li jiġu inkorporati inċentivi fil-FSE+ bil-għan li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża. *Sabiex l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jirriallokaw ir-riżorsi għall-iżvilupp tal-ħiliet fl-industrija tad-difiża, l-ammonti allokatati għal tali żvilupp jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika, iżda jenħtieġ li jitqiesu meta jikkontribwixxu għal tali rekwiżiti.*

- (6) Il-FSE+ jista' jintuża biex jiġi appoġġjat l-adattament għall-bidla tal-ħaddiema, l-intrapriżi u l-intraprendituri. F'konformità mal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni proposti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025 intitolata "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" u sabiex jiġi ffaċilitat aktar l-aġġustament industrijali marbut mad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti, l-FSE+ jenħtieġ li jiffaċilita l-ġoti tal-ħiliet, iż-żamma tal-impjiegi u l-ħolqien ta' impjiegi **ta' kwalità** matul il-proċess kollu ta' dekarbonizzazzjoni, billi jipprovdi flessibilità fl-implimentazzjoni ta' dak il-proċess. Dan jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mal-oġġettiv li n-nies jiġu pprovduti b'mod regolari b'opportunitajiet tul il-ħajja ta' tiġdid u titjib tal-ħiliet stabbiliti fil-Komunikazzjoni Unjoni tal-Ħiliet, inkluż permezz ta' Garanzija tal-Ħiliet. ***Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tar-reġjuni u ż-żoni rurali anqas żviluppati, li jenħtieġ li jibbenefikaw mit-tranżizzjoni ekoloġika, u li tiġi żgurata l-integrazzjoni tagħhom fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali usa' tal-Unjoni.***

- (7) *Fid-dawl tal-importanza tal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali applikabbli għall-oġettivi speċifiċi kollha u l-kriterji meħtieġa għall-valutazzjoni tal-issodisfar tagħhom, skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u tal-Anness III tiegħu, għall-użu effettiv u effiċjenti tal-appoġġ ġenerali tal-Unjoni mogħti minn daww il-Fondi tal-Unjoni u l-meħtieġa li jiġi żgurat l-effett prattiku ta' daww il-Fondi tal-Unjoni, l-ammonti li jaqbu l-ammont ta' flessibilità msemmi fl-Artikolu 86(1), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, li jikkorrispondu għal oġettivi speċifiċi li huma soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni abbażi tal-applikazzjoni ta' daww il-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali, jenħteġ li ma jkunux soġġetti għal emenda jew trasferiment tal-programm abbażi tal-prijoritajiet il-ġodda u l-flessibilità previsti f'dan ir-Regolament. Tali miżura proporzjonata tikkostitwixxi inċentiva meħtieġa, maħsuba biex tiżgura li l-liġi u l-prattika tal-Istati Membri jkomplu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali u li n-nefqa koperta mill-Fondi tal-Unjoni tissodisfa l-oġettivi tal-Unjoni. Peress li r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ japplika b'mod orizzontali, l-istess rekwiżit jenħteġ li japplika għall-ammonti li jikkorrispondu għall-impenji sospiżi mill-miżuri adottati abbażi ta' dak ir-Regolament. L-ammonti fl-ammont ta' flessibilità msemmija fl-Artikolu 86(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/1060 u li jikkorrispondu għall-oġettivi speċifiċi soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni abbażi tal-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali jistgħu jkunu soġġetti għal emenda jew trasferiment tal-programm abbażi ta' prioritajiet ġodda, dment li tali prioritajiet ġodda jikkonformaw mal-oġettivi segwiti mill-kondizzjonijiet abilitanti orizzontali.*

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj>).

- (8) Il-FSE+ jipprevedi appoġġ għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), li ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. STEP għandha l-għan li ssaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni ***u l-iżvilupp tal-ħiliet fl-Unjoni***. Sabiex jiġu provduti aktar inċentivi għal investimenti mill-FSE+ f'dawk l-oqsma kritiċi, jenħtieġ li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Istati Membri jirċievu prefinanzjament akbar għall-emendi relatati tal-programmi. ***Il-prijoritajiet li jappoġġaw l-investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP taħt talba għal emenda tal-programm li ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2025 għandhom jirċievu l-prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba applikabbli fil-mument tal-preżentazzjoni ta' dik it-talba.***
- (9) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu riprogrammazzjoni sinifikattiva ***u ġusta, mingħajr ma jiddevjaw mill-oġġettivi ewlenin tal-FSE+***, u jiffukaw ir-riżorsi fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni msemmiya f'dan ir-Regolament, mingħajr ma jikkawżaw aktar dewmien fl-implimentazzjoni ta' programmi, jixraq li jiġu previsti aktar flessibbiltà. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu jservi bħala opportunità biex jiġu indirizzati ***l-aspetti soċjali emerġenti*** tal-isfidi strateġiċi u l-prijoritajiet ġodda mingħajr preġudizzju għall-atti legali oħra tal-Unjoni ***jew għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss***. L-Istati Membri jenħtieġ li jibbenefikaw minn żmien addizzjonali biex ilestu l-valutazzjoni tagħhom tal-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu u l-preżentazzjoni tagħhom tat-talbiet għall-emendi relatati tal-programmi.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

- (10) ***Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qed ikollha impatt sproporzjonatament qawwi fuq ir-reġjuni tal-livell NUTS 2 li jmissu mar-Russja, mal-Belarussja jew mal-Ukrajna, li qed jirriżulta f'telf ta' impjiegi, tnaqqis fl-attività ekonomika u l-esklużjoni soċjali.*** Sabiex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni u tittaffa l-pessjoni fuq il-baġits nazzjonali kif ukoll biex tiddaħħal il-likwidità meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' investimenti ewlenin, jenħtieġ li jitħallas prefinanzjament addizzjonali ta' darba għall-programmi mill-FSE+. Minħabba l-impatt negattiv tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-perċentwal ta' prefinanzjament jiżdied aktar għal ċerti programmi li jkopru reġjun wieħed jew aktar tal-livell NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna. Sabiex tiġi mħeġġa riprogrammazzjoni lejn prijoritajiet ewlenin fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, il-prefinanzjament addizzjonali ta' darba jenħtieġ li jkun disponibbli biss meta jintlaħaq ċertu livell limitu għar-riallokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji għal prijoritajiet kruċjali speċifiċi.
- (11) Barra minn hekk, biex jitqies iż-żmien meħtieġ biex l-investimenti jiġu ffukati mill-ġdid u biex ikun jista' jsir l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli, l-iskadenzi għall-eliġibbiltà tan-nefqa u r-regoli tad-diżimpenn ***kif ukoll skadenzi oħra relatati mar-rekwiżiti fir-rigward tal-qafas ta' prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni*** jenħtieġ li jiġu aġġustati għal programmi li jwettqu riallokazzjoni tar-riżorsi għal prijoritajiet strateġiċi.

- (12) Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament **ogħla** għall-prijoritajiet fi programmi li jkopru reġjun wieħed jew aktar tal-livell NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarusja jew l-Ukrajna, minħabba l-impatt negattiv tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq dawk ir-reġjuni tal-livell NUTS 2.
- (13) *L-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ tat-talent żaġġżuġħ kif ukoll tal-intraprendituri huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi, u l-istituzzjonijiet li jaħdmu fuq il-ħolqien u l-adozzjoni tal-ħiliet, b'mod partikolari l-istituti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib biex jallinjaw mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jallokaw ukoll ir-riżorsi biex jattiraw it-talent żaġġżuġħ u l-intraprendituri, b'mod partikolari għar-reġjuni rurali u dawk anqas żviluppati, permezz ta' inċentivi u taħriġ immirat.*
- (14) *Meta jemendaw il-programmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu, fir-rigward tal-prijoritajiet iddedikati, u bil-parteċipazzjoni mill-qrib u sinifikattiva tas-sħab soċjali, obbligi fuq il-benefiċjarji li jirrispettaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg skont il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-ftehimiet kollettivi applikabbli.*

- (15) *Sabiex tappoġġja lill-Istati Membri fir-riprogrammazzjoni rapida u korretta tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi kjarifiki tekniċi u appoġġ f'waqthom u ċari lil awtoritajiet ta' ġestjoni, inkluż permezz ta' sistema strutturata, billi twieġeb il-mistoqsijiet tekniċi, legali u proċedurali, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament.*
- (16) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu indirizzati ***l-aspetti soċjali tal-isfidi*** strateġiċi, li l-investimenti jiġu ffukati mill-ġdid fuq prijoritajiet kritiċi ġodda u li jiġi ssimplifikat u aċċellerat it-twettiq tal-politika, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

- (17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1057 jiġi emendat kif xieraq.
- (18) ■ Minħabba l-ħtieġa urġenti li jkunu jistgħu jsiru investimenti kruċjali fil-ħiliet fl-industrija tad-difiża kif ukoll fl-adattament għall-bidla marbuta mad-dekarbonizzazzjoni fil-kuntest ta' sfidi ġeopolitiċi strateġiċi urġenti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ■

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1057

Ir-Regolament (UE) 2021/1057 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 5a

*Dispożizzjonijiet speċifiċi marbuta **mar-rieżami ta’ nofs it-terminu u l-flessibbiltà relatata tal-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża***

1. Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tħallas **1,5 %** tal-appoġġ totali mill-FSE+ bħala prefinanzjament addizzjonali ta’ darba, skont id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm. Dak il-perċentwal ta’ prefinanzjament addizzjonali ta’ darba fl-2026 għandu jiżdied għal 9,5 % għal programmi li jkopru reġjun tal-livell NUTS 2 wieħed jew aktar li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna, dment li l-programm ma jkoprix it-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, meta, fi Stat Membru, ir-reġjuni tal-livell NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna jiġu inklużi biss fi programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat, il-perċentwal miżjud għandu japplika wkoll għal taliprogrammi.
2. Il-prefinanzjament addizzjonali ta’ darba msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu japplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta’ mill-anqas **10 %** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar stabbiliti f’konformità mal-Artikolu 12a, 12c jew 12d ikunu ġew approvati ***fil-kuntest tar-rieżami ta’ nofs it-terminu***, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2025 (il-“livell limitu tal-10%”).

Ir-riallokazzjonijiet li ġejjin fl-istess programm għandhom jingħaddu wkoll mal-livell limitu ta' 10 %:

- (a) riallokazzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jew mill-Fond ta' Koeżjoni għal prijetà ddedikata waħda jew aktar stabbiliti għall-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a)(vi) u (vii), il-punti (b)(v), (ix), (xi) u (xii), il-punt (c)(iii), il-punt (d)(vii), u l-punti (e)(iii) u (iv), tar-Regolament (UE) 2021/1058 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu;*
- (b) riallokazzjonijiet mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġjaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) stabbilit mir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew għall-promozzjoni tal-aċċess għall-akkomodazzjoni affordabbli skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu;*

- (c) *riallokazzjonijiet mill-FEŻR jew il-Fond ta' Koeżjoni għall-prijoritajiet iddedikati għall-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a)(vi) u (b)(ix) tar-Regolament (UE) 2021/1058 jew mill-FSE+ għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti skont l-Artikolu 12a ta' dan ir-Regolament jew mill-JTF għall-prijoritajiet iddedikati stabbiliti biex jappoġġaw investimenti li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP approvati f'emendi tal-programm qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu;*
- (d) *riallokazzjonijiet mill-FEŻR jew mill-Fond ta' Koeżjoni għall-prijoritajiet stabbiliti għall-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(v), tar-Regolament (UE) 2021/1058 approvat fl-emendi tal-programm mill-1 ta' Jannar 2025.*

3. *Ir-riżorsi li ġejjin ma għandhomx jittqiesu għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont li jikkorrispondi għal-livell limitu tal-10 %:*

- (a) riżorsi mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/1056;*
- (b) il-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi imsemmi fl-Artikolu 110(1), il-punt (e), tar-Regolament(UE) 2021/1060;*
- (c) ir-riżorsi riallokati għal prijetà ddedikata waħda jew aktar stabbiliti biex jappoġġaw ir-rispons għad-diżastri naturali skont l-Artikolu 12b ta' dan ir-Regolament, jew fl-ambitu tal-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (b)(x), tar-Regolament (UE) 2021/1058.*

4. Il-prefinanzjament addizzjonali ta' darba li huwa dovut lill-Istat Membru u li jirriżulta minn emendi tal-programm skont ir-riallokazzjoni tal-prioritajiet dedikati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jingħadd bħala pagamenti li saru fl-2025 għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) 2021/1060, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kumissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.
5. B'deroga mill-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, id-data finali għall-eliġibbiltà tan-nefqa ■ u d-diżimpenn għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2030 meta l-emendi tal-programm li jirriallokaw mill-anqas **10 %** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar ***imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu*** jkunu ġew approvati.
6. ***Meta Stat Membru jkollu programm wieħed biss li jkopri t-territorju kollu tiegħu u dak il-programm ikun iffinanzjat mill-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FSE+ u l-JTF, id-deroga msemmija fil-paragrafu 5 għandha tapplika meta mill-inqas 7 % tar-riżorsi finanzjarji tal-programm jiġu riallokati għal prijorità ddedikata waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 2.***

7. *Fir-rigward tal-programmi msemmija fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, meta r-Regolament (UE) 2021/1060 jistabbilixxi d-data finali għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-qafas ta' prestazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja, tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni, dik id-data għandha titqies li tirreferi għall-istess data fis-sena ta' wara. Barra minn hekk, b'deroga mill-Artikolu 2, il-punt (29), tar-Regolament (UE) 2021/1060, għal tali programmi, is-sena kontabilistika finali għandha titqies li tirreferi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2030 sat-30 ta' Ġunju 2031.*
8. B'deroga mill-Artikolu **112(3)** tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-prijoritajiet fi programmi li jkopru reġjun wieħed jew aktar tal-livell NUTS 2 li jmissu mar-Russja, il-Belarusja jew l-Ukrajna għandha ***tiżdied b'10 punti perċentwali ogħla mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, mingħajr ma jinqabeż*** il-100 %. Ir-rata ogħla ta' kofinanzjament ma għandhiex tapplika għal programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm daww ir-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS ma jkunux inklużi biss fi programmi li jkopru t-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat.

Id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tapplika biss meta r-riallokazzjonijiet ta' mill-anqas **10 %** tar-riżorsi finanzjarji tal-programm għal prijorità ddedikata waħda jew aktar ***imsemmijafil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu*** jkunu ġew approvati, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

9. Minbarra l-valutazzjoni għal kull programm dwar l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri jistgħu, **sal-31 ta' Diċembru 2025**, jippreżentaw mill-ġdid valutazzjoni komplementari kif ukoll talbiet relatati għal emendi tal-programm ***lill-Kummissjoni***, filwaqt li jqisu l-possibbiltà ta' prioritajiet iddedikati stabbiliti skont l-Artikolu 12a, 12c jew 12d ta' dan ir-Regolament. Għandhom japplikaw ***l***-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu **24** tar-Regolament (UE) 2021/1060

-
- * Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).”;

(2) l-Artikolu 12a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-FSE+ biex jipprovdu appoġġ għall-oġġettivi STEP imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/795, skont l-oġġettivi speċifiċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament, inkluż billi jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ħiliet f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, fost l-oħrajn dawk ibbażati fuq programmi ta' tagħlim maħluqa mill-Akkademji Ewropej tal-Ħiliet, kif ukoll it-taħriġ taż-żgħażaġh u l-ġoti tal-ħiliet, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fis-settur tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.”;

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sottoparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Minbarra l-prefinanzjament għall-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, fejn il-Kummissjoni tapprova emenda ta' programm li tinkludi prijorità waħda jew aktar iddedikati għall-operazzjonijiet appoġġati mill-FSE+ li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' STEP imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/795, il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament eċċezzjonali ta' **20 %** abbażi tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tiġi ippreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025. ***Meta tali prijoritajiet iddedikati jkunu ġew inklużi f'talba għal emenda tal-programm ippreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba ta' 30 % tal-allokazzjoni għal dawk il-prijoritajiet skont id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm.*** Tali prefinanzjament eċċezzjonali għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm.”;

(3) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

“Artikolu 12c

Appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet fit-tħejija ċivili, fl-industrija tad-difiża inkluż għal kapaċitajiet b’użu doppju, u fiċ-ċibersigurtà

1. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-FSE + biex jipprovdu appoġġ ***għall-iżvilupp*** tal-ħiliet ***fit-tħejija ċivili, fl-industrija*** tad-difiża ***inkluż għal kapaċitajiet b’użu doppju, u fiċ-ċibersigurtà*** fl-ambitu ta’ prijoritajiet iddedikati, ***filwaqt li jipprijoritizzaw il-ħiliet relatati mal-kapaċitajiet b’użu doppju u t-tħejija ċivili. Meta jagħżlu l-operazzjonijiet, f’konformità mal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju, lis-servizzi tal-impjegi pubbliċi u lill-ekonomija soċjali.*** Tali prijoritajiet iddedikati jistgħu jappoġġjaw kwalunkwe wieħed mill-oġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa ***(g), ta’ dan ir-Regolament.***
2. Ir-riżorsi allokatu għall-prijoritajiet iddedikati msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma għandux jitqies ***bħala bażi għall-kalkolu*** tal-konformità mar-rekwiżiti ta’ konċentrazzjoni tematika previsti fl-Artikolu 7.
3. Minbarra l-prefinanzjament annwali tal-programm previst fl-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Kummissjoni għandha tħallas ***20 %*** tal-allokazzjoni għall-prijoritajiet iddedikati msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu skont id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta’ darba, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tkun ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm skont l-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

4. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu, skont l-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiġi kklerjat mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

Kwalunkwe mgħax iġġenerat minn tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu, skont l-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FSE+ u jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

Skont l-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba ma għandux jiġi sospiż.

Il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jinkludi kwalunkwe prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba mħallas.

5. B'deroga mill-Artikolu **112(3)** tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-prijoritajiet iddedikati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għandha tiżdied b'10 punti perċentwali aktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, mingħajr ma jinqabeż il-100 %.***

6. *B'deroga mill-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060, għall-operazzjonijiet appoġġati fl-ambitu tal-prijorità ddedikata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun meħtieġ jagħmel id-data marbuta ma' daww l-operazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku meta tali divulgazzjoni ma tkunx permessa għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku skont l-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel ma jagħżlu l-operazzjoni kkonċernata għall-appoġġ. Dan is-subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-verifiki u l-awditi u d-dmir tal-Parlament Ewropew li jeżerċita kontroll politiku skont l-Artikolu 14 tat-TUE u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 319 tat-TFUE.*

Il-benefiċjarji ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 50(1), il-punti (c), (d) u (e), tar-Regolament (UE) 2021/1060 għall-operazzjonijiet appoġġati fl-ambitu tal-prijorità ddedikata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn il-wiri pubbliku tal-informazzjoni dwar l-appoġġ jew l-organizzazzjoni ta' avveniment jew attività ta' komunikazzjoni mhux meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku skont l-Artikolu 69(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew mill-inqas darba fis-sena tal-għadd ta' operazzjonijiet li huma soġġetti għad-deroga prevista fit-tieni subparagrafu, kif ukoll il-kost totali tagħhom, b'mod aggregat, b'kunsiderazzjoni xierqa għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.

Appoġġ għall-adattament marbut mad-dekarbonizzazzjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-FSE+ biex jipprovdu appoġġ immirat ***għat-taħriġ bl-għan*** tal-ġhoti tal-ħiliet, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid bil-ħsieb tal-adattament tal-ħaddiema, tal-intrapriżi u ***tal-intraprendituri*** għall-bidla li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni fl-ambitu ta' prijoritajiet iddedikati, ***bl-għan li jinżammu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni matul it-tranżizzjoni ekoloġika. Meta jagħżlu l-operazzjonijiet, skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/1060, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju, lis-servizzi tal-impjegi pubbliċi u lill-ekonomija soċjali.*** Il-prijoritajiet iddedikati jistgħu jappoġġaw kwalunkwe wieħed mill-oġettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa ***(g), ta' dan ir-Regolament.***
2. ***L-Istati Membri jistgħu jappoġġjaw il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet differenti, bħall-istituzzjonijiet edukattivi, biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1.***
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba motivata għal emenda tal-programm f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060. Meta Stat Membru diġà jkollu programmi li jinkludu prijorità waħda jew aktar li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jippreżenta talba lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-prijoritajiet ikkonċernati bħala prijoritajiet iddedikati għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Minbarra l-prefinanzjament annwali tal-programm previst fl-Artikolu 90(1) u 90(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, il-Kummissjoni għandha tħallas **20 %** tal-allokkazzjoni għall-prijoritajiet iddedikati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu skont id-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-programm bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba, dment li t-talba għall-emenda tal-programm tkun ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

Tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu jitħallas fi żmien 60 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-emenda tal-programm skont l-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

5. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu, skont l-Artikolu 90(5) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiġi kklerjat mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali.

Kwalunkwe mgħax iġġenerat minn tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba għandu, skont l-Artikolu 90(6) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jintuża għall-programm ikkonċernat bl-istess mod bħall-FSE+ u jiġi inkluż fil-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

Skont l-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, tali prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba ma għandux jiġi sospiż.

Il-prefinanzjament li għandu jitqies għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu diżimpenjati għandu, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060, jinkludi kwalunkwe prefinanzjament eċċezzjonali ta' darba mħallas.

6. B'deroga mill-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-prijoritajiet iddedikati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ***tiżdied b'10 punti perċentwali aktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, mingħajr ma jinqabeż il-100 %.***

Artikolu 2

Limitazzjoni għal emendi tal-programm u għal trasferiment

L-ammonti li jikkorrispondu għall-impenji sospiżi mill-miżuri adottati fil-kuntest tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u l-ammonti li jaqbżu l-ammont ta' flessibilità li jikkorrispondu għall-oġettivi speċifiċi soġġetti għal valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni abbażi tal-applikazzjoni ta' kondizzjonijiet abilitanti orizzontali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060 ma għandhomx ikunu soġġetti għal emenda tal-programm jew trasferiment skont dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ■ fil-jum ■ wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Saret dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan ir-Regolament, li tinstab fil-ĠU C, ..., ELI: ...⁺

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, inkluż l-ELI.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-okkażjoni tal-adozzjoni
tar-Regolament (UE) [2025/...]¹**

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tifhem l-intenzjoni tal-koleġislaturi li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura li l-Istat tad-Dritt jinżamm fl-implimentazzjoni tal-Fondi u se tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-programm f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu.

¹ ĠU L ... [numru, data, numru tal-paġna, ELI].